**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 5 ta' April, 2017**

**Avviz Nru: 424/2005 MLF**

**Dr. Josie Muscat u**
**Saint James Hospital Limited**

**Vs**

**Dr. Paul Soler**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-atturi li talbu li l-konvenut jiġi kkundannat iħallashom dik is-somma li din il-Qorti, ai termini tal-Att dwar l-Istampa, tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huma sofrew meta hu, waqt il-programm televiziv 'Bondi +', li xxandar fuq l-istazzjon tat-televizjoni tal-PBS, nhar it-Tlieta 7 ta' Gunju 2005, ghamel allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront taghhom bil-ghan li jtellfilhom jew inaqqsilhom ir-reputazzjoni taghhom, u ghamlilhom hsara fil-professjoni u x-xoghol taghhom, meta fost ohrajn, allega li b'konsegwenza diretta tal-interventi tal-IVF li jsiru mill-atturi mhux biss qed idahhlu lit-trabi f'riskji ta' malformazzjonijiet serji, izda qed iwasslu biex hafna trabi jmutu 'bhad-dubbien'; li l-atturi qed jaghmlu abbuzi fix-xoghol taghhom konness mal-IVF; u li dan kollu qed jaghmluh bla ebda skruplu minhabba gwadan ta' miljuni kbar mill-interventi tal-IVF. Dawn l-allegazzjonijiet u l-implikazzjonijiet diretti fil-konfront ta' l-atturi mhux biss huma inveritjeri, izda kienu ntizi biex jaghmlu hsara lill-atturi fil-professjoni u x-xoghol taghhom.

Bl-ispejjeż, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Paul Soler fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament, illi Dr. Josie Muscat personalment la hu identifikat u lanqas identifikabbli; anzi l-attur qatt ma setgha jigi identifikat bhala wahda mill-persuni illi wettaq xi proceduri tal-IVF ghax huwa pprojbit mill-Ligi (Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta – Health Care Professions Act) li jwettaq proceduri ta' dan it-tip u ghalhekk il-pubbliku u/jew il-Qorti ma tistax tibbaza ruhha fuq presunzjoni illegali.

2. Preliminarjament ukoll, illi s-socjeta' St. James Hospital Limited la hi identifikata jew identifikabbli u f'kull kaz, socjeta' kummercjali tista' biss tagixxi taht l-Artikolu 29 tal-Kap. 248 u mhux taht l-Artikolu 28 tal-istess Kap (li fuqu hija bbazata l-kawza odjerna) billi l-fama u reputazzjoni huma pertinent biss lill-persuni fizici.

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-kontribut li ghamel il-konvenut fil-programm televiziv in kwistjoni jammonta ghall-"fair comment" ibbazat fuq ricerka xjentifika u statistika.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu is-segwenti:

1. Fiz-zmien rilevanti, il-konvenut kien konsulent pedjatra inkarigat bhala Consultant Paediatrician tal-iSpecial Care Baby Unit (SCBU) tal-Isptar St. Lukes, li kien l-isptar tal-Gvern. Dak iz-zmien SCBU kien hemm wiehed biss f'Malta.
2. Il-konvenut ha sehem fi programm ta' diskuzzjoni televiziv "Bondi +" flimkien ma' numru ta' persuni ohra, liema programm kien jitratta s-suggett tal-*In-Vitro Fertilisation* (IVF).

3. L-attur hu tabib u direttur tal-Isptar Saint James Hospital. L-Isptar Saint James ghandu divizjoni imsejjha *"Assisted Reprocreation Unit"*, fejn mill-istess programm televiziv irrizulta li jsiru interventi tal-IVF.
4. Mill-provi irrizulta li ghalkemm, fi zmien li sar il-programm, l-IVF kien ilu jigi prattikat Malta ghal madwar hmistax (15) –il sena fis-settur privat, dan l-intervent ma kien bl-ebda mod regolat bil-ligi.
5. Waqt id-dibattitu fil-programm, il-konvenut qal *inter alia* li peress li s-settur ma kienx regolat bil-ligi, l-interventi tal-IVF fil-klinici kienu ziedu b'mod sostanzjali *multiple births* u twelid ta' trabi qabel iz-zmien, u dan kien qed jikkomprometti s-sahha tat-tfal kif ukoll jikkomprometti s-servizzi tal-SCBU, billi l-SCBU ma kellux l-apparat u l-facilitajiet biex ilahhaq ma' ammont sostanzjali ta' trabi li jitwieldu f'daqqa.
6. L-atturi hassewhom malafamati b'diversi interventi li ghamel il-konvenut fil-programm, u in partikolari jallegaw li fil-program, il-konvenut allega li l-interventi tal-IVF li jsiru f'Malta qed iwasslu ghal riskji kbar ta' malformazzjonijiet serji tat-trabi, qed iwasslu biex jidhlu fl-SCBU diversi kazijiet ta' trabi *quads* fl-istess zmien, b'mod li l-facilitajiet tal-*unit* ma jlahhqux u bir-rizultat li t-trabi *"qed imutu bhad-dubbien"*. Huma jallegaw ukoll li l-konvenut jimplika li b'mod generali fil-processi tal-IVF f'Malta qed isiru abbuzi u jallegaw ukoll li l-konvenut qal li dan kollu qed isir bla skruplu, minhabba gwadan ta' miljuni kbar mill-interventi fi klinici privati.
7. Fin-nota ta' soottomissjonijiet taghhom, l-atturi jghidu li *"Ghalkemm Dr. Soler ma semmiex lil Dr. Muscat u l-klinika tieghu b'isimhom, kien evidenti ghal kull min kien qed jisimghu li l-allegazzjonijiet tieghu kienu jirreferu ghal Dr. Muscat personalment u l-klinika Saint James Assisted Reproduction Clinic, immexxija mis-Saint James Hospital Limited, billi f'Malta, l-IVF isiru f'din il-klinika biss u jaghmluhom biss Dr. Muscat u l-Profs. Mark Brincat, li jahdem fl-istess klinika ta' Saint James Hospital Limited."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-konvenut issottometta zewg eccezzjonijiet preliminari, u ghaldaqstant, il-Qorti sejra l-ewwel tikkonsidra dawn iz-zewg eccezzjonijiet preliminari, qabel jekk, ikun il-kaz, tghaddi biex tikkonsidra l-meritu tal-vertenza.

*<u>L-Ewwel Eccezzjoni Preliminari - Li l-attur Dr. Josie Muscat personalment mhux identifikat u lanqas huwa identifikabbli</u>*

Kif inghad iktar il-fuq, l-atturi jikkoncedu li fid-diskorsi tieghu, il-konvenut ma semmiehomx b'isimhom. Pero' fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jghidu hekk:
*"16. Huwa maghruf minn kulhadd f'Malta li l-attur Dr. Josie Muscat ghandu esperjenza twila fil-qasam tal-ostetrija u l-ginekologija. Isem l-attur huwa assocjat f'mohh kulhadd fl-ewwel lok mal-qasam tat-twelid tat-trabi u l-ghajnuna lill-kopji bi problem ta' infertilita', u fit-tieni lok mat-twaqqif u s-success tal-isptarijiet u l-klinici Saint James.*

*Dr. Muscat huwa rikonoxxut ukoll bhala pijonier tal-IVF f'Malta. Warajh dahal f'dan il-qasam il-Professur Mark Brincat. It-tnejn li huma joperaw biss mill-facilitajiet ta' Saint James Hospital Limited. Fi zmien id-diskors tal-konvenut Dr Paul Soler, kienu l-attur Dr Josie Muscat u l-Professur Mark Brincat biss li jaghmlu l-IVF f'Malta. Ix-xhieda tal-attur f'dan is-sens ma gietx kontestata. ... ... Anki waqt il-program Bondi+ jidentifika proprju lil Dr. Muscat u l-Profs Brincat meta jghid li ghall-istatistika jridu joqghodu fuq "il-kelma ta' tnejn min-nies li jahdmu f'dan ix-xoghol."*

Qabel ma tghaddi biex tikkonsidra dawn is-sottomissjonijiet, il-Qorti tixtieq tirrileva s-segwenti fatti li johorgu meta wiehed jara l-video tal-programm "Bondi+":

1. Apparti l-konvenut, fost il-panel ta' nies li kien hemm fuq il-programm, kien hemm ukoll Dr. Donald Felice li dak iz-zmien kien *inter alia* il-President tal-Ginekologija u Maternita ta' Malta;
2. Ghalkemm ma kienux parti mill-panel, kemm l-attur Dr. Josie Muscat kif ukoll il-Professur Mark Brincat taw intervista fuq l-IVF li siltiet minnha gew inseriti fil-programm. Principalment huma t-tnejn kienu qieghdin jirreagixxu ghall-kummenti pjuttost kritici li kienet ghamlet pubblikament u anki waqt intervista s-Sinjura Sonya Camilleri, li dak iz-zmien kienet tokkupa l-kariga ta' Kummissarju tat-Tfal, fuq l-interventi tal-IVF.
3. Meta dehru l-interventi tal-attur Dr. Josie Muscat, kien jidher is-sub-titolu *"Tabib u Direttur tal-Isptar St. James"*. Meta deheru l-interventi tal-Professur Mark Brincat, kien jidher is-sub-titolu *"Professur tal-Maternita u Ginokelogija"*.
4. Fil-bidu tal-programm, sar clip ta' intervista li saret lil Paul Sultana, li spjega xjentifikament x'jigri f'intervent tal-IVF. Taht isem Paul Sultana, kien jidher is-sub-

titolu *"Direttur Assisted Reproduction Unit St. James Hospital"* (sottolinear tal-Qorti).

Is-sottomissjonijiet ta' Dottor Josie Muscat huma ibbazati fuq ix-xhieda tieghu biss u fuq dak li skond l-attur hu maghruf ma' Malta kollha. Ghalkemm il-Qorti lesta li tikkoncedi li f'Malta, l-attur Dottor Josie Muscat huwa generalment maghruf li ilu snin involut fil-qasam tal-ostetrija u l-ginekologija, u li waqqaf b'success l-Isptar Saint James u diversi klinici, pero' certament hija prekluza milli tasal ghall-konkluzjoni li Dottor Josie Muscat kien qed jaghmel xoghol ta' ginekologista u ostetrija u li sahansitra kien pijunier fil-qasam tal-IVF f'Malta, fin-nuqqas ta' provi konkreti minn sorsi indipendenti f'dan is-sens – liema provi kien jinkombi lill-attur li jipproducihom.

Dan aktar u aktar meta mill-provi jirrizulta li skond ix-xhieda ta' Dottor Francis Bonello, konsulent ginekologu, l-procedura tal-IVF trid issir minn ginekologista kwalifikat u jkollu tahrig fil-laperoskopija.[1] Fir-registru tal-Kunsill Mediku, l-attur Dr. Josie Muscat huwa registrat taht l-hekk imsejjha EU List bhala *"Medical Doctor"* biss u m'hu mnizzel fl-ebda registru in rigward specjalizzazzjoni. Il-Kunsill Mediku ghandu 1,358 tabib mnizzlin fl-EU List.[2] Dan huwa rifless ukoll fis-sub-titolu li ngab taht wicc l-attur fil-programm Bondi+ u cioe' bhala professjoni "Tabib".

Fis-siltiet tal-intervista tieghu fil-programm, l-attur Dr Josie Muscat dejjem tkellem fil-plural, u uza l-kelma "ahna", min huma dawn l-"ahna" qatt ma specifika, u wisq inqas qal li hu personali jaghmel interventi tal-IVF. Wiehed ma jridx jinsa li hu kien qed jitkellem ukoll fil-kapacita' tieghu ta' direttur tas-Saint James Hospital Limited. Inoltre kif diga' inghad, l-ispjegazzjoni ta' kif issir l-IVF, ma saritx minn Dr Josie Muscat, izda minn Paul Sultana, li s-sottotitolu taht wiccu kien *"Direttur Assisted Procreation Unit - St. James Hospital."*

Fis-siltiet tal-intervista tieghu fil-programm, il-Professur Mark Brincat, fl-ebda hin ma semma' lil Dottor Josie Muscat u/jew lis-Saint James Hospital Limited, u wisq inqas li kellu xi forma ta' relazzjoni maghhom. Il-Professur Brincat ukoll dejjem tkellem fil-plural *"ahna"* – minghajr ma jispecifika dawn l-"ahna" minn huma. Pero' is-sub-titolu li ngab taht wiccu fil-programm kien jghid *"Prof. tal-Maternita u Ginekologija"*.

[1] Ara xhieda ta' Dottor Francis Bonello a fol. 226.
[2] Ara xhieda ta' Mary Scicluna, registratur tal-Kunsill Mediku, a fol. 206 tal-process.

Ghalkemm l-attur jghid li fi zmien tal-programm, kienu hu u l-Prof. Brincat biss li jaghmlu l-interventi tal-IVF, ma ngabet l-ebda prova indipendenti biex tikkorrabora dan il-fatt. Anzi, id-diskors taghhom fil-programm, fejn it-tnejn tkellmu fil-plural, jindika li kien hemm persuni ohra li jaghmlu dawn l-interventi, u l-Prof. Brincat ma ngabx bhala xhud f'dawn il-proceduri. Inoltre, waqt il-programm, Dottor Donald Felice qal hekk:

1. *"Ma niehdux gost, Dr. Soler ukoll ma jiehux gost li nimlewlu l-SCBU b'hafna babies kultant premature u low birth weight, imma dawk huma r-riskji li jmorru mhux biss mal-IVF, ma hafna proceduri li nuzaw f'high risk pregnancy … …"*
2. *"Jiena l-impressjoni tieghi hija li Malta jsiru madwar 80 kaz (ta' IVF) fis-sena … … ghax staqsejt lill-operaturi f'dan il-qasam."*[3] (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fl-opinjoni kunsidrata ta' din il-Qorti dan id-diskors, maghmul mill-President tal-Ginekologija u l-Maternita' jindika li, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss jigi koncess li l-attur kien qed jaghmel interventi tal-IVF, certament t-telespettatur ordinarju ma inghatax l-impressjoni li kienu l-attur u l-Prof. Brincat biss li qed jaghmlu dawn l-interventi f'Malta.

Fi kwalunkwe kaz, il-konvenut imkien fid-diskors tieghu fil-programm ma semma' lill-attur b'ismu. Fis-sentenza **Alphonse Farrugia vs Joseph Fava et**, deciza fil-15 ta' Jannar 1997, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk: *"F'dan l-ezercizzju dwar l-identifikazzjoni tal-persuna allegatament malafamata hu ghal kollox immaterjali x'kienet l-intenzjoni tal-artikolista jew x'kellu f'rasu meta kiteb l-artikolu jew jekk f'mohhu dik il-persuna kenitx jew le identifikata. Hu ghal kuntrarju materjali t-test tal-artikolu u jekk il-qarrej ordinarju anke jekk ben informat meta jaqra l-artikolu jasalx biex jidentifika l-persuna tal-attur. Dana b'mod naturali u minghajr processi kumplikati ta' eliminazzjoni jew analizi xort'ohra. Dan ukoll b'certu grad ta' certezza. Mhux bizzejjed allura li jidhol id-dubbju li forsi setgha jkun l-artikolu qed jirreferi ghalih ukoll jew forsi le. Il-fatti fl-artikolu fir-rigward tal-abbuzi elettorali huma addebitati lil persuna injota meta, biex l-azzjoni attrici tkun success, jehtigilhom iwasslu fil-mohh tal-qarrej ghal persuna ta' l-attur. Ma hemm xejn fl-artikolu li jwassal jew jallega dan."*

Certament la din il-Qorti u lanqas telespettatur ordinarju ragonevolment jghaddilu minn rasu li l-attur, kwalifikat biss bhala "tabib", ghalkemm involut kemm hu involut fil-qasam tal-

[3] Ara transcript tat-trasmissjoni a fol. 102 u 104 tal-process.

ginekologija u l-obstetrija, effettivament jaghmel hu personali x-xoghol ta' ginekologu kwalifikat. Tali fatt, jekk jirrizulta vera, certament *prima facie* jikkostitwixxi ksur tal-ligi – ghalkemm ghal fini ta' din il-kawza, din il-Qorti m'ghandhix ghalfejn tinoltra ruhha fuq il-kwistjoni jekk dak li xehed l-attur fil-proceduri odjerni huwa minnu, effettivament dan jikkostitwixxi ksur tal-ligi jew le.

Bhala stat ta' fatt, l-attur jinsab registrat fi grupp ta' 1358 tabib mal-Kunsill Mediku. Minkejja li f'dawn il-proceduri allega li ghandu kwalifiki fil-ginekolgija u obstetrija – ghalkemm lanqas prova ta' dawn il-kwalifiki u tahrig ma gab f'dawn il-proceduri - ma jirrizultax li ha l-ebda passi kontra l-Kunsill biex jigi registrat bhala ginekologu specjalizzat. Hu vera li xehed li hu talab li jigi rikonoxxut bhala specjalist, pero' sa dak in-nhar li xehed f'dawn il-proceduri, il-Kunsill la kien accettah u lanqas irrifjutah, u allura r-registrazzjoni tieghu kienet dik ta' tabib minghajr specjalizzazzjoni.

Fil-ktieb taghhom **Media Law**[4], l-awturi **Geoffrey Robertson u Andrew Nicol** jghidu hekk: *"There is, in defamation law, a certain safety in numbers. Defamatory comment may not be actionable if it refers to people by class rather than by name. Whether an individual member of the class can sue depends upon the size of the class and the nature of the comment: there must be something in the circumstances to make the ordinary reader feel that the claimant personally is the target of the criticism. To say "All barristers are thieves" does not entitle any one of 12,000 to sue – the class is too large for the comment to single out individuals. But to say "All barristers in chambers at 10 Doughty Street are thieves" might be sufficiently specific to allow the individual barristers in those chambers to take action, at least if the context showed the allegation was a serious reference to each person and not an example of "the habit of making unfounded generalisations ... ingrained in ill-educated or vulgar minds, ... or intended to be caceious exaggeration". The question always is whether the defamation is of the class itself (in which case no action arises) or whether ordinary readers would believe that it reflected directly on the individual claimant. When the News of the World alleged that unnamed CID officers from Banbury police station had committed rape, that allegation reflected on each officer at Banbury because the CID office had only 12 members. Had the allegation been less specific – had it referred only "to certain police officers in*

[4] 5th edition, Penguin Edition 2008, a fol. 118.

*Oxforshire", for example – the Banbury officers would not have been able to prove that what was published related to them."*

Fil-kaz odjern, l-attur jinsab fi grupp ta' 1358 tabib, li *prima facie* hadd minnhom m'hu awtorizzat jaghmel personalment interventi tal-IVF, u ghalhekk certament ma setghax jigi identifikat jew kien identifikabbli. Kif diga inghad, fil-programm ta' Bondi+ stess, l-attur gie deskritt bhala "tabib" *sic et simpliciter*. Minghajr pregudizzju f'dan l-istadju dwar jekk id-diskors tal-konvenut kienx defamatorju jew le, l-unici klassi ta' nies li setghu jissorvolaw din l-eccezzjoni tal-konvenut (li l-attur mhux identitikat jew identifikabbli) huma l-ispecjalisti elenkati fil-lista ta' specjalisti fil-ginekologija. Pero' ma jirrizultax li xi hadd minnhom istitwixxa proceduri ghal malafama kontra l-konvenut.

Huwa vera li f'wiehed mill-interventi tieghu fil-programm, il-konvenut jghid li *"L-ewwelnett ahna (i.e. panel) qed nisimghu hafna mistoqsijiet hux qed jintremew embrijuni, x'qed isir minnhom – hux qed jiffrizawhom, hawnx surrogate mothers. Ma nafux x'qed jigri f'dan il-pajjiz. Jiddispjacini ma nafux ghax m'hawn l-ebda awtorita ... ... Ma nafux x'qed jigri. Kull m'ghandna, bir-rispett kollu, il-kelma ta' tnejn min-nies li qed jahdmu f'dak ix-xoghol, bir-rispett kollu."* [5] Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-attur jissottometti li r-riferenza ghal dawn *"it-tnejn min-nies"* hija kjarament riferenza ghalih u ghal Prof. Mark Brincat.

Fix-xhieda tieghu, l-konvenut jichad li meta qal dak il-kliem, hu kien qed jirreferi ghall-attur bhala wiehed mit-*"tnejn min-nies"*. Il-konvenut jghid testwalment hekk *"Jiena hawnhekk ghamilt referenza ghal dak li ghidt cioe' il-kema ta' tnejn min-nies li jahdmu f'dan ix-xoghol. Hawn kont qed nirreferi ghal tnejn minn nies li fuq il-programm ammettew pubblikament li ghamlu xoghol ta' IVF hawn Malta. Dawn kienu Mr. Paul Sultana u l-Professur Mark Brincat. Dawn ma kienux prezenti waqt il-programm, izda dehru fuq video clip."* Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, tenut kont tal-kontenut tal-programm televiziv in kwistjoni kollu, ix-xhieda tal-konvenut hija veritiera, stante meta qal dan il-kliem, il-konvenut kien qed jirreagixxi ghal kummenti tal-Kummissarju tat-Tfal ta' dak iz-zmien li dehret diversi drabi f'video clip u ghal kummenti tan-nies l-ohra fuq il-panel. Waqt il-programm, apparti l-Professur Brincat, kien Mr. Paul Sultana, direttur tar-Reproduction Unit tal-Isptar St. James, li ta spjegazzjoni xjentifikament dettaljata dwar kif issir l-IVF, u mhux l-attur.

---

[5] Ara transcript tat-trasmissjoni a fol. 102 tal-process.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut qed tigi milqugha.

*It-Tieni Eccezzjoni – Li* s-socjeta' Saint James Hospital Limited la hi identifikata jew identifikabbli, u f'kull kaz, socjeta' kummercjali tista' biss tagixxi taht l-artikolu 29 tal-Kapitolu 248, u mhux taht l-Artikolu 28 tal-istess Kapitolu.

Fix-xhieda tieghu, l-attur jinsisti li hawn Malta huwa biss l-isptar Saint James Hospital li ghandu laboratorju attrezzat sabiex jaghmel l-IVF.[6] Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-atturi jissottomettu li l-identifikazzjoni tas-socjeta Saint James Hospital Limited hija mill-aktar cara, ghax f'wiehed mill-interventi tieghu l-konvenut jinkixef li kellu f'rasu klinika wahda partikolara meta qal *"m'ghandhiex statistika* minn dil-clinic *kemm familji gew hemm; inghataw l-IVF, kemm hargu b'sahhithom ... ... pero' ahna nafu x'jidhol l-SCBU ... ... tara l-babies imutu bhad-dubbien."*[7]

Huwa vera li l-konvenut semma' il-kelma "clinic" fis-singular – pero' dan ma jfissirx awtomatikament li telespettatur ordinarju kellu jifhem li l-konvenut qed jirreferi ghall-isptar Saint James. Fl-ewwel lok, il-konvenut qatt ma semma' l-kelma "sptar" u f'mohh bniedem ordinarju hemm distinzjoni netta bejn sptar u klinika. Fit-tieni lok, meta fil-video clip tkellem Mr. Paul Sultana, is-sottotitolu kien *"Direttur Assisted Reproduction* Unit *– St. James Hospital"* (sottolinear ta' din il-Qorti). U r-raguni hija ovvja, ghaliex ma jistghax ikollok "clinic" indipendenti go sptar, pero' sptar ovvjament ikun maqsum f'diversi taqsimiet jew unit, bi specjalizzazzjoni medika differenti.

Ghalhekk m'humiex korretti l-atturi meta jghidu li l-allegazzjonijiet jirreferu ghall-*"klinika Saint James Assisted Reproduction Clinic", immexxija mis-Saint James Hospital Limited."* Minn imkien mill-provi ma jirrizulta li tezisti xi klinika immexxija mill-Isptar Saint James. Kemm meta deher fil-programm televiziv in kwistjoni, kif ukoll meta deher quddiem il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Socjali tal-Kamra tad-deputati, l-attur Dr. Josie Muscat, dejjem deher bhala direttur tas-Saint James Hospital. Dak li irrizulta mill-provi hu li l-Isptar

[6] Ara xhieda tal-attur a fol. 239 tal-process.
[7] Ara transcript a fol. 102 *et seq.* tal-process.

Saint James ghandu *Assisted Reproduction Unit* u li ghandu wkoll laboratorju attrezzat biex jaghmel l-IVF.

Kif sewwa irrileva l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, irrizulta mill-provi – u dan qalu kemm il-darba l-konvenut waqt il-programm televiziv – illi ebda statistika ma tigi ppubblikata billi l-procedura tal-IVF, dak iz-zmien, ma kinietx regolata minn ebda ligi jew kodici tal-etika. Ghalhekk, kull specjalista fil-ginekologija seta' jaghmel li jrid. X'kien jigri f'kull klinika li hawn Malta hadd ma jafu. L-attur seta' kien jaf (ghalkemm qatt ma ppubblikah) x'qed jigri fl-Isptar li jmexxi hu, izda ma jafx, ghax hadd ma jaf, x'qed isir f'kull sptar jew klinika ohra f'Malta. L-attur stess jammetti fix-xhieda tieghu, li uhud mit-trabi li spiccaw l-SCBU, *"kienu ghamlu l-IVF mhux hawn Malta izda barra minn Malta. Hawnhekk qed nirreferi mhux ghal kollha imma ghal uhud minnhom."*[8] Din hija ammissjoni indiretta li l-procedura tal-IVF f'Malta mhux necessarjament issir fl-Isptar St. James. Huwa sinifikanti l-kumment li ghadda il-Professur Mark Brincat meta kien ikellem lill-Kumitat tal-Kamra tad-Deputati fejn qal hekk *"U skuzi, Mr. Chairman, jien m'iniex responsabbli ghal kif jahdmu l-kollegi tieghi ukoll. Jien naf x'qed jigri ... ..."*[9]

La darba ma kien hemm l-ebda regoli jew statistika ipppubblikata, wiehed ma setghax ragonevolment jeskludi li kien hemm specjalisti ginekologi ohra li qed jaghmlu l-procedura tal-IVF, u mhux necessarjament fi sptar jew klinika wahda. Fil-fatt, kif diga inghad aktar il-fuq, Dottor Donald Felice qal hekk waqt il-programm televiziv *"Ma niehdux gost, Dr. Soler ukoll ma jiehux gost li nimlewlu l-SCBU b'hafna babies kultant premature u low birth weight, imma dawk huma r-riskji li jmorru mhux biss mal-IVF, ma hafna proceduri li nuzaw f'high risk pregnancy ... ..."* (sottolinear ta' din il-Qorti). Dottor Felice ukoll qal li hu ghandu impressjoni li Malta jkun hawn madwar 80 kaz ta' IVF fis-sena *"ghax staqsejt lill-operaturi f'dan il-qasam."*

Dan necessarjament jimplika li Dottor Felice jaf li apparti l-Isptar Saint James u l-Prof. Brincat, hemm ginekologisti ohra li qed jaghmlu l-procedura tal-IVF. Fil-fatt, la Dottor Felice u lanqas il-Prof. Brincat ma qatt qalu - la fil-programm televiziv in kwistjoni u fil-kaz tal-Prof. Brincat, lanqas quddiem il-Kumitat Permanenti tal-Kamra tad-Deputati - li hawn Malta din il-procedura issir biss fl-isptar Saint James.

---

[8] Ara fol. 235-236 tal-process.
[9] Ara fol. 192 tal-process.

Kif sewwa issottometta l-konvenut, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, specjalista ginekologu ma ghandu ebda raguni jew obbligu li jippubblika dak li qed jaghmel privatament mal-pazjenti tieghu, wisq anqas li jmur iqerr ghand l-attur b'dak li qed jaghmel. Billi l-procedura tal-IVF ma kinitx regolata b'ebda ligi dak iz-zmien, ebda specjalista ginekologu ma kien marbut b'ligi, billi ma kinietx tezisti, u fil-privatezza tal-klinika tieghu bazikament seta' jaghmel li jrid.

Dan gie kkonfermat bix-xhieda ta' Dolores Busietta li ghamlet l-intervent tal-IVF go klinika minghajr l-ebda forma ta' counselling u minghajr ma inghataw informazzjoni dwar ir-riskji konnessi mal-intervent tal-IVF – haga li l-attur sahaq li dejjem issir fl-Isptar Saint James.[10]

Meta l-konvenut gie mistoqsi in kontro-ezami biex jghid kemm hawn Malta klinici privati li jezercitaw l-IVF fl-infertilita', il-konvenut wiegeb hekk: *"Fil-fatt m'ghandi l-ebda informazzjoni dwar in-numri ta' klinici li jaghmlu din l-operazzjoni hawn Malta. Jien ma naf bl-ebda klinika partikolari hawn Malta li tezercita l-IVF. Jiena naf li hawn Malta hija ezercitata l-IVF, pero' ma nafx bl-ebda informazzjoni dwar fejn qed tigi ezercitata jew kienet qed tigi ezercitata. Jiena ma semmejt fil-programm l-ebda klinika privata u lanqas sptar privat. Jien kif irrispondejt inkludejt il-klinici kollha hawn Malta illi hawn eluf."*[11] Fil-fatt f'wiehed mill-interventi tieghu fil-programm, il-konvenut qal hekk: *"Jiena li jinteressawni huma l-intensive care services. Qed isiru interventi fi klinika (sic) privati li qed jikkompromettu s-servizzi tas-sahha tat-trabi tat-twelid. U dan ma nistghux naccettawh ahna. U qed jinkwetana hafna bhala paediatricians."*[12]

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, is-socjeta attrici Saint James Hospital Limited ma kinietx identifikata jew identifikabbli, u konsegwentement l-ewwel parti tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi milqugha.

In vista ta' din il-konkluzjoni, ma hemmx bzonn li din il-Qorti tinoltra ruhha fit-tieni parti tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut, u ghaldaqstant qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

---

[10] Ara fol. 214 *et seq.* tal-process.
[11] Ara fol. 67 tal-process.
[12] Ara transcript a fol. 22 tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut limitatament fis-sens li la l-attur Josie Muscat personalment u lanqas is-socjeta attrici St. James Hospital Limited ma kienu identifikati jew identifikabbli;
2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni parti tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut, u cioe' l-eccezzjoni li s-socjeta' kummercjali ma tistax tagixxi taht l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta, imma tista' biss tagixxi taht l-Artikolu 29 tal-istess Kapitolu.
3. Tichad it-talba tal-atturi fl-interita' taghha.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-atturi in solidum.

Il-Qorti tordna li l-isem ta' AB m'ghandux jigi pubblikat fuq il-mezzi kollha tax-xandir u lanqas fuq xi internet website.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**